

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-16 ta' Jannar 2014 – Guinet vs BEI

(Kawża F-107/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Sistema ta' pensjoni — Trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni — Kumpens għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mid-dewmien tat-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni — Kundizzjoni tat-trasferiment effettiv tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba f'sistema oħra minbarra dik tal-BEI — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament)

(2014/C 223/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Philippe Guinet (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: T. Gilliams, G. Nuvoli, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-BEI tat-talba tar-rikorrent sabiex jiġu kkalkolati s-snin ta' servizz għall-pensjoni miżjuda u talba għad-danni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) P. Guinet għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għal tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investment.
- 3) Il-Bank Ewropew tal-Investment għandu jbati kwart tal-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 366, 24.11.2012, p. 41.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Mejju 2014 – CI vs Il-Parlament

(Kawża F-130/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance għall-ulied dipendenti — Allowance doppja għall-ulied dipendenti — Artikolu 67(3) tar-Regolamenti tal-Persunal — Kundizzjonijiet għall-għoti — Soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet wara l-intervent tal-Ombudsman Ewropew — Implementazzjoni — Dmir ta' premura)

(2014/C 223/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CI (rappreżentanti: B. Cortese u A. Salerno, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Despotopoulou u M. Ecker, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-għoti tal-allowance doppja għall-ulied dipendenti skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-5 ta' Diċembru 2011, li tirrifjuta t-tiġdid, sa mill-1 ta' Ġunju 2008, tal-allowance doppja għall-ulied dipendenti, kif ukoll id-deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2012, li tiċħad l-ilment, huma annullati.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn CI.*

⁽¹⁾ ĠU C 71, 09.03.2013, p. 29.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Jannar 2014 – Ohrgaard vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-151/12) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowance tal-espatrijazzjoni — Kundizzjoni ta' residenza prevista fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Eżerċizzju ta' funzjonijiet f'organizzazzjoni internazzjonali — Kunċett — Stage ta' ħames xhur imwettaq mal-Kummissjoni — Esklużjoni)

(2014/C 223/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jakob Ohrgaard (Frederiksberg, id-Danimarka) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal, D. de Abreu Caldas, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u V. Joris, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta li jingħata lir-rikorrent id-dritt għall-allowance tal-espatrijazzjoni.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tas-6 ta' Marzu 2012, li tirrifjuta li J. Ohrgaard jieħu l-benefiċċju tal-espatrijazzjoni, kif emendata bid-deċiżjoni tal-31 ta' Awwissu 2012 li tiċħad l-ilment, hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata li tbatl l-ispejjeż sostnuti minn J. Ohrgaard.*

⁽¹⁾ ĠU C 55, 23.2.2013, p. 26.